# QORTI TA' L-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 23 ta' April, 2001**

**Numru 24**

**Cit. Nru. 180/94 MM**

**Simon Fenech ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Simon Fenech Limited**

**vs**

**Adrian u Benna Agius u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2001 stante l-mewt ta' Adrian Agius fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Benna Agius f'isimha proprju u f'isem it-tlett uliedha Joseph, Mark u Maria, ilkoll minorenni, ahwa Agius.**

**Il-Qorti;**

**<u>L-att tac-citazzjoni</u>**

Is-socjeta' attrici pprocediet kontra l-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri b'dan l-att tac-citazzjoni:-

"L-attur nomine ppremetta illi l-konvenuti ghamlu ordni ta' sett borom AMC Multi System liema sett gie konsenjat mill-konvenuti mill-attur kif miftiehem;

U illi l-ammont ta' hames mija u hamsa u disghin lira (Lm595) kien dovut kif jidher mill-anness dokument "A" "on delivery" izda dan l-ammont baqa' ma thallasx nonostante s-sejha ghall-hlas.

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu l-attur fl-ammont ta' hames mija u hamsa u disghin lira (Lm595);

2. Tikkundannahom ihallsu lill-attur l-ammont ta' hames mija u hamsa u disghin lira (Lm595).

Bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

**<u>Eccezzjonijiet</u>**

Il-konvenuti eccipew ghat-talbiet attrici:-

1. Illi dawn kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur ghax ma kienx minnu illi huma kellhom jaghtu xi haga lill-istess attur nomine.

2. Illi huma kienu xtraw minghand l-attur nomine sett borom AMC Multi System bil-kondizzjoni u patt espress illi l-istess borom kienu manifatturati fil-Germanja izda sussegwentement irrizulta illi dan ma kienx minnu u ghaldaqstant hemm lok ghax-xoljiment tal-kuntratt tal-bejgh fuq il-bazi illi l-oggetti konsenjati ma kienux tal-

kwalita' pattwita u ghalhekk huma kienu ma' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet taghhom qed jipprezentaw kontro-citazzjoni appozita.

**Kontro-talba**

Il-konvenuti appellanti ghalhekk ipprezentaw is-segwenti kontro-talba kontra s-socjeta' attrici appellata:-

> "Il-konvenuti xtraw minghand l-attur nomine sett borom AMC Multi System bil-kondizzjoni u patt espress illi l-istess borom kienu manifatturati fil-Germanja, izda sussegwentement irrizulta illi dan ma hux minnu;
>
> U illi ghaldaqstant hemm lok ghax-xoljiment tal-kuntratt tal-bejgh fuq il-bazi illi l-oggetti konsenjati ma kienux tal-kwalita' pattwita;
>
> U illi l-esponenti kienu interpellaw lill-attur nomine sabiex jirtira s-sett borom minn ghandhom u dan irrifjuta, tant illi l-esponenti kienu kostretti jiddepozitaw l-imsemmija borom taht l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti permezz ta' cedola numru 252/94;
>
> Talbu lill-konvenut Simon Fenech nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-
>
> 1. Tiddikjara illi s-sett borom minnu konsenjat lill-konjugi Agius ma kienx tal-kwalita' pattwita fis-sens illi dan ma kienx gie manifatturat fil-Germanja meta skond il-ftehim l-istess borom kellhom ikunu hekk manifatturati;
>
> 2. Konsegwentement ixxolji u tirrexindi l-kuntratt ta' bejgh ta' l-istess sett ta' borom AMC Multi System;
>
> Bl-ispejjez."

**Eccezzjonijiet ghall-kontro-talba**

Is-socjeta' attrici eccepiet ghall-kontro-talba illi t-talbiet tal-konvenuti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt ghall-istess ragunijiet minnu ampjament spjegati fl-att tac-citazzjoni.

**Decide**

B'sentenza tas-27 ta' Ottubru, 1998, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet it-talbiet tal-konvenuti fil-kontro-citazzjoni taghhom, iddecidiet billi laqghet it-talbiet ta' l-attur u ddikjarat lill-konvenuti debituri versu l-attur fl-ammont ta' Lm595 u kkundannathom ihallsu lill-attur nomine din is-somma hekk stabbilita bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi rrizulta mill-provi illi l-kumpanija attrici hija agenta hawn Malta d-ditta estera maghrufa bhala AMC. Dawn l-ittri jfissru Alpha Metalcraft Corporation AG. Din id-ditta timmanifattura, fost affarijiet ohra, borom ta' certa kwalita' illi huma mibjugha tramite s-sistema *Door-to-Door* permezz ta' *salesman*. Irrizulta illi s-*salesman* tal-kumpanija attrici mar ghand il-konvenuti u dawn thajru jixtru dawn il-borom. L-ordni saret fil-31 ta' Jannar tal-elf disa' mija erbgha u disghin (1994) kif jidher mid-dokument "B" u l-konsenja saret fis-7 ta' Marzu tal-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) skond id-dokument "A" illi huwa d-*delivery order* relattiva.

Fost il-kondizzjonijiet illi hemm fl-*order form*, id-dokument "B", hemm il-paragrafu hamsa (5) illi huwa "*termination by customer*" u li jaghmel referenza ghall-artikolu tmienja (8) ta' l-Att numru VII/1987 liema Att jawtorizza lix-xerrej li fi zmien hmistax-il (15) gurnata jkun awtorizzat illi jirrexxindi dan il-kuntratt minghajr ma hemm bzonn illi jaghti raguni.

Il-konvenuti pero' mhumiex qeghdin juzufruwixxu ruhhom minn dan it-terminu peress illi dan ghadda inutilment u minflok qeghdin jopponu t-talba tal-kumpanija attrici tramite l-ligijiet tal-Kodici Civili fejn qeghdin jghidu illi l-merkanzija ma kenitx tal-kwalita' pattwita. Spjegaw illi huma thajjru illi jixtru dawn il-borom peress illi s-*salesman* kien qal illi dawn il-borom huma manifatturati l-Germanja mentri skond id-dokumenti illi huma ghandhom irrizulta illi dawn mhumiex hekk manifatturati.

Fil-5 ta' Lulju 1994, u cioe' qabel ma giet ipprezentata din il-kawza, il-konvenuti ddepozitaw il-borom oggett ta' din il-kawza taht l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' cedola numru 252/94.

Ikkunsidrat:

Illi jibda biex jinghad illi minkejja illi t-terminu koncess tramite l-artikolu 8 tad-"*Door-to-Door Salesman Act*" ghadda inutilment u ghalhekk ghall-fini u effetti tal-ligi l-kuntratt bejn il-konvenuti u l-kumpanija attrici gie konkjuz, il-konvenuti xorta ghandhom id-dritt jitolbu l-kancellament tal-kuntratt tramite d-dispost tal-Kodici Civili (ara sentenza "Godfrey Aquilina et versus Vincent u Juliana Borg" deciza mill-Prim'Awla fl-10 ta' Marzu tal-elf disa' mija sebgha u disghin (1997)). Il-konvenuti ghalhekk huma intitolati jopponu dan il-bejgh peress illi skond huma l-merkanzija konsenjata ma kenitx ta' kwalita' pattwita. Dan gie spjegat aktar fid-dettal fis-sens illi giet konsenjata merkanzija illi ma kenitx manifatturata l-Germanja kif originarjament kien gie miftiehem bejn il-partijiet.

Il-Qrati taghna kellhom okkazzjoni jiddeciedu dan il-punt fejn ikkonkludew illi l-post ta' l-origini ta' prodott kellu jitqies bhala rekwizit essenzjali f'kuntatt ta' bejgh (ara kawza "Nicholas Borg versus Marco Farrugia" deciza mill-Qorti tal-Kummec fit-28 t'Ottubru 1992). Il-kwistjoni li trid tigi ventilata minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk fil-fatt kienx hemm xi element ta' frodi minn naha tal-kumpanija attrici meta rreklamat il-prodott bhala manifatturat f'post u fil-fatt irrizulta mod iehor.

Ikkunsidrat:-

Illi rrizulta mill-provi illi huwa minnu illi s-*salesman* tad-ditta attrici kien irreklama l-prodott tieghu bhala maghmul il-Germanja. Huwa veru wkoll illi d-dokumentazzjoni kollha illi ntbaghtet mal-merkanzija hija bit-Taljan u jidher illi dan gie spedit minn centru l-Italja. Id-direttur tal-kumpanija attrici Simon Fenech spjega illi d-ditta AMG hi fil-fatt ditta Germanzia pero' b'ambiti internazzjonali fejn ghandha *distribution centres* mad-dinja kollha. Fil-fatt minhabba s-suq zghir ta' Malta dan jigi *serviced* minn *distribution centre* fl-Italja u ghalhekk il-merkanzija illi jircievu Malta tigi minn dan id-*distribution centre* ta' l-Italja u huwa ghalhekk illi d-dokumentazzjoni kollha li tigi ma' dawn il-borom hija bit-Taljan. Biex ikompli jsostni t-tezi tieghu l-attur esebixxa ittra li rcieva mill-awturi tieghu fl-Italja, (dokument "SF1" a fol 64 fl-atti tal-kawza Citazzjoni numru 179/94 fl-ismijiet "Simon Fenech nomine versus Victor Scicluna et" – f'liema kawza, b'digriet tal-24 ta' Jannar 1995 gie ordnat illi l-provi kollha li jingabru fiha ghandhom iservu wkoll ghall-finijiet ta' din il-kawza stante mertu identiku) fejn tghid illi l-parti l-kbira tal-prodotti kommercjalizzati mill-AMC Italia "provengono dall'estero e per lo piu' dalla Repubblica di Germania". Fil-fatt minn ezami dettaljat tal-*brochures* u dokumentazzjoni ohra mibghuta ma' dawn il-borom jidher illi hemm indirizz il-Germanja minn fejn jidher illi gew spediti dawn il-borom. Taghmilha cara pero' illi mhux inidirizz wiehed hemm; minbarra l-indirizz ta' l-Italja hemm indirizz ukoll l-Isvizzera kif ukoll il-Kanada. Dawn gew spjegati bil-mod kif issugerixxa l-attur.

Il-Qorti hija sodisfatta illi dina l-ispjegazzjoni illi ta l-attur hi probabilment vera. Jista' jaghti l-kaz illi meta kumpanija tkun multi nazzjonali din ikollha *distribution centres* mad-dinja kollha u jista' jaghti l-kaz ukoll, u hu probabbli, illi stante s-suq zghir ta' Malta, jista' ikun illi dan jigi *serviced* mill-Italja. B'daqshekk pero' ma jfissirx illi l-merkanzija tkun giet manifatturata l-Italja.

Il-Qorti wisq tissuspetta illi l-konvenuti kellhom rispensament wara li sar dan il-bejgh u peress illi sfuggielhom it-terminu moghti mid-"*Door-to-Door Salesman Act*" riedu jaraw kif jaghmlu biex ihassru dan il-bejgh, u bil-kemm mhumiex qeghdin jghidu illi gew defrawdati mill-attur. Pero' kif jghallimna d-dritt Ruman "*fraus est odiosa et non presumenda*". Il-konvenuti jridu jippruvaw illi fil-fatt sar frodi minn naha ta' l-attur meta rrakkomanda prodott illi fil-fatt ma kienx. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuti ma waslux biex gabu din il-prova u t-tezi ta' l-attur u l-provi migjuba minnu probabilment huma vera u l-qorti jidhrilha illi darba illi t-terminu koncess mid-"*Door-to-Door Salesman Act*" ghadda inutilment u ma giex ippruvat frodi minn naha ta' l-attur fis-sens illi gie suggerit f'din il-

> kawza, issa l-konvenuti ma ghandhomx triq ohra hlief illi jhallsu dan l-ammont mitlub fic-citazzjoni."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-kawza ghandha l-istess mertu identiku bhal kawza l-ohra fl-ismijiet "Simon Fenech nomine et –vs- Victor Scicluna et" (Citazzjoni numru 179/94 MM Gozo) deciza ukoll illum. Fiz-zewg kawzi l-kontestazzjoni kienet dwar kuntratt ta' bejgh ta' borom maghmul tramite s-sistema ta' *door to door salesman* minghand l-istess ditta attrici li fornit lill-konvenuti fiz-zewg kawzi bl-istess batterija ta' borom provenjenti mill-istess ditta estera. Il-kontestazzjoni fiz-zewg kawzi hi illi ma kienx minnu illi l-borom kienu manifatturati l-Germanja. Peress illi din il-provenjenza kienet kondizzjoni sine qua non tal-kwalita' ta' l-oggett in vendita', il-konvenuti appellanti fiz-zewg kawzi kienu qeghdin jippretendu li kienu gustifikati illi jirrexindu l-bejgh a bazi tal-kawzali li l-oggetti mibjugh lilhom konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita.

L-azzjoni hi allura bbazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kodici Civili li jiddisponi illi jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkonsenja ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, ix-xerrej jista' jaghzel li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew li jircevi l-haga bi prezz anqas bi stima ta' perit. Din il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti illi l-provi kienu juru illi l-konvenuti f'din il-kawza u fil-kawza l-ohra li ghaliha saret appena riferenza kienu insistew illi huma jqisu

bhala essenzjali ghall-kuntratt li bih kienu qed jakkwistaw il-borom in kwistjoni li dawn ikunu manifatturati l-Germanja. Din il-Qorti ma ssibx diffikulta’ lanqas li taccetta illi din il-kondizzjoni ma kenitx xi wahda incidentali ghall-bejgh imma kienet rekwizit essenzjali tieghu. Konsegwentement jekk kien fatt illi l-venditur kien naqas milli jissodisfa dak ir-rekwizit, il-kompratur kien ikun intitolat li jirrexindi l-bejgh.

Konsegwentement, din il-Qorti ma ssibx lanqas diffikulta’ li ssegwi l-insenjament tal-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet “Nicholas Borg vs Marco Farrugia nomine” deciza fit-28 ta’ Ottubru 1992 (Vol. LXXVI.ii, ir-raba parti, pg.715) fejn jinghad illi l-provenjenza esplicita ta’ l-oggett in vendita’ “ma kienx xi element incidentali fil-bejgh izda kien rekwizit essenzjali li a bazi tieghu sar il-ftehim ……… Isegwi li l-konvenut kien obbligat li jikkonsenja computer li verament kien maghmul il-Gappun u cioe’ tal-kwalita’ pattwita ……….”. Konsegwentement jekk l-attur venditur kien inadempjenti f’dan ir-rigward, il-konvenut kompratur kien ikun gustifikat li jirrifjuta l-merkanzija.

F’dan l-isfond allura, din il-Qorti taghmel pjena riferenza ghall-konsiderazzjonijiet li ghamlet fis-sentenza fil-kawza li l-istess socjeta’ attrici ghamlet kontra l-konjugi Scicluna (Citazzjoni numru 179/94 MM) appena citata, u li wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni illi s-socjeta’ attrici kienet adegwatament ipprovat li l-provenjenza tal-borom in

vendita' kienet Germanika u cioe' skond il-ftehim. Il-konsiderazzjonijiet f'dik il-kawza allura kienu japplikaw mutatis mutandis ghal din il-kawza u qed jigu konsidrati bhala li jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza. L-appell tal-konvenuti f'din il-kawza ma setghax allura jigi sostnut.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata in toto bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

Dep/Reg

cb